**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 15 ta' Jannar 2025**

**Kawża Numru: 927/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**kontra**

**Ayanle Barkhad**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imsemmi **Ayanle Barkhad** ta' għoxrin (20) sena, bin Ayanle u Layla nee' Adan, ta' nazzjonalità Somala, imwieled fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005), mingħajr indirizz fiss, detentur tal-permess ta' residenza bin-numru 9005685A, li jinsab akkużat talli nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa neqsin sitt minuti ta' wara nofsinhar (12:54 hrs) u s-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00 hrs) u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, minn ħanut bl-isem 'The Family Shop' sitwat ġewwa Triq l-Arkata, Paola u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li kienu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, liema atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:-

1. Ikkommetta serq ta' oġġett u/jew oġġetti liema serq huwa sempliċi, għaddannu ta' Sabuj Miah u/jew persuna/i oħra;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta` ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-familjari tal-vittma ċioe' **Sabuj Miah,** kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà tax-xhieda kollha li jiddeponu f'dan il-każ, bil-għan li x-xhieda kollha jkunu protetti minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġunalhom biża' ta' vjolenza;

Fil-każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni.

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat**

L-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u din għalhekk ġiet sodisfaċentement pruvata skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih ġie mixli l-imputat u li tiegħu huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll, il-fedina penali

tal-imputat. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Ħadet ukoll nota tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-valur tal-oġġetti misruqa kien wieħed minimu u fil-każ tal-aħħar inċident l-oġġetti ġew restitwiti u li għaldaqstant il-Prosekuzzjoni mhux qegħda tinsisti fuq it-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat **Ayanle Barkhad** ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, tqis li mhux spedjenti li timponi piena karċerarja fuq l-imputat u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk huwa jwettaq xi reat ieħor fi żmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat trattat f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qegħda toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' **Sabuj Miah**. Dan l-Ordni ta' Trażżin qiegħed jinħareġ għal perijodu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tliet (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta'

Trattament qiegħed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u l-kura kollha meħtieġa, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju tax-xorb.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni tal-istess Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

In vista tal-konsiderazzjonijiet magħmula, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara